# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 4 ta' 2024, miżmuma nhar it-12 ta' Marzu 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta neqsin għoxrin ta' filgħaxija.

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | | |
| • Chris Grech | Mosta LC | | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | | Membru |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | (ONLINE) | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Balzan LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1: Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3: Komunikazzjoni tal-President;
4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5: Korrispondenza
   5.1 Jopsplus Re Alderemi Baderwina
   5.2 Totem Poles
   5.3 MicaMed letter re Son lights
6: Rapporti;
7: Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
   i. Ambjent -
   ii. Skart
      1. Indis Mosta Update
8: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
9: Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-17:40 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1.1 Qari t' Apoloġiji

Wara li nqraw l-ittri tal-apoloġiji, il-President informa l-membri li messaġġ t' attendenza jkun apprezzat. Sabiex inbdiet il-laqgħa, kellna nistennew lill-membri biex jidħlu onlajn.

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Korrezzjoni tal-minuti ta' Frar, laqgħa numru 3 - John Buttigieg talab li jiddaħħal l-isem tal-kittieb Jeffrey Sammut fil-punt numru 4.1.
John Buttigieg ippropona li l-minuti ta' laqgħa numru 3, ta' Frar jiġu approvati. Paul Vella u Kyle Mifsud issekondaw il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Paul Vella ippropona li l-minuti tal-ewwel laqgħa li nżammet f'Jannar 2024, ikunu approvati. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Clifford Galea ippropona li l-minuti tal-laqgħa urġenti numru 2 miżmuma fi Frar, ikunu approvati. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament.

## - 3.1 Komunikazzjoni mill-President

Il-President talab li l-laqgħa tar-Reġjun għandha ssir bl-ordni u b'rispett lejn kulħadd. Ċertu ċajt għandu jinżamm għal wara l-laqgħa. Importanti li kulħadd javża jekk ma jkunx ser jattendi.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Is-Sur John Buttigieg xtaq ikun jaf f’liem stadju waslu l-bnadar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri fejn l-għada tal-aħħar laqgħa, l-ittra ġiet irreġistrata mill-posta, però, sal-ġurnata tal-llum għadha tidher fil-counter tal-Ħamrun. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li minn wara li ntbagħtet l-ittra ma kompliex jiġri warajh minħabba li issa ħadna l-passi meħtieġa biex jieħu ħsieb l-Avukat.

Is-Sur Paul Vella jixtieq li xorta nkomplu nagħmlu pressjoni fuqu peress li l-bnadar huma bżonnjużi u ser nispiċċaw mingħajrhom.

## 5.1 Komunikazzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Tal-Lvant, Jeanette Galea, bagħtet risposta fuq it- totem poles fejn qalet li mhux sew li dawn it-tliet lokalitajiet li ġew mar-Reġjun Tramuntana ukoll ħadu ‘AED’ mingħand ir-Reġjun Ċentru. Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħa nforma l-kamra li t-tliet Kunsilli li marru mal-Lvant, kienu qablu li ma jkunux parti mill-istudju.
Is-Sur Trevor Fenech informa lill-kamra li l-Kunsill Lokali San Ġwann, li hu wieħed mit-tliet Kunsilli li kienu parti mir-Reġjun Ċentru, m’għandhomx AED u jixtieq li jkollhom huma wkoll. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jara jistax iġib AED oħra għall-Kunsill ta’ San Ġwann. Is-Sur Fenech qal ukoll li t-totem poles ta’ San Ġwann ma tħallsux mir-Reġjun Ċentru għax dawn kienu parti minn pilot study li sar mill-Universita.

SIA - Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta ittra fuq il-mejda fejn talab korrezzjoni fuq ir-rapport li għamlet l-Universita` ta’ Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-ittra li kien bgħat lid-DG fuq il-ġabra tal-kartun meta jkun hemm il-ħġieġ li qiegħed Ħ’Attard. Il-Kunsill ordna din il-ġabra u bgħat il-kont lir-Regjun. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lid-DLG biex ikopru din l-ispiża għaliex din l-ispiża mhux ser tkun koperta mir-Reġjun minħabba l-fatt li l-iskeda nazzjonali ta’ kull belt u raħal f’Malta ma tkoprix il-ġbir ta’ dan il-kartun.

Sonlights – Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta korrispondenza dwar is-sonlights mill-Kuntrattur u l-Contract Manager. Dawn it-tip ta’ bozoz m’għadhomx jinstabu fis-suq, u minflok qed jitwaħħlu LEDs li jiswew ħafna iktar. Il-membri tkellmu li kull bozza hija bi prezz għoli u anke għas-servizz biex jiġu ċċekkjati, hemm ħlas ta’ €10-il waħda. Filfatt il-membri qablu li din hija pjaga fl-aħħar tax-xahar. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekja fuq il-lokalitajiet ta’ San Ġwann , Ħal Balzan u Ħ’Attard, ħabba l-Contract Management li għandu r-Reġjun.

Trevor Fenech semma’ l-fatt tan-nuqqas ta’ koperazzjoni mill-enemalta meta jintalab is-servizz tagħhom għal bdil ta’ bozoz neċessarji. Intqal ukoll li minħabba li l-Enemalta m’għadhiex tal-Gvern u saret kumpanija privata, ix-xogħol ta’ manutenzjoni fuq servizzi li toffri jridu jsiru wkoll mill-enemalta.

Bjorn Bonello semma li l-lokalita` tal-Mellieħa għamlu rapport ta' Sustainable Energy Plan, u b'hekk huma eliġibli biex jieħdu Fondi Ewropej biex min ikun irid servizzi bħal PVC jistgħu japplikaw fl-Intelligent Cities Challenge. Bjorn Bonello qed jaħdem biex jaġġorna dan ir-rapport għall-Kunsilli Lokali kollha.

Jobplus Issue – Aderemi Baderinwa, illum il-ġurnata għandu iktar minn ħamsa u sittin sena u Jobsplus kienu ġibdu l-attenzjoni li mhux suppost għandu mpjieg. Dan kien żball tal-bord li tqabbad mid-Dipartiment u li ta l-ismijiet lir-Reġjun biex jagħżel minnhom.  Is-Segretarju Eżekuttiv kien informa lill-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien, is-Sinjura Joyce Dimech u lid-Direttur Ġenerali s-Sur Attard biex toħroġ concession, pero` ma sar xejn. Tkellimna mas-Sur Emil Vassallo, pero` min-naħa tiegħu jrid talba formali biex jinżamm mar-Reġjun.

Is-Sur Paul Vella qal li l-input tiegħu huwa tajjeb, pero` l-iżball li sar fuq l-iskart organiku ma kienx sewwa. Anne Marie Muscat Fenech Adami staqsiet jekk jafx sew il-lingwa Maltija. Kyle Mifsud qal li l-eżekuzzjoni tal-iskart mhix miexja sew u allura fuq din waqa' ftit lura. Anne Marie Muscat Fenech Adami tixtieq tiċċekkja l-kuntratt tiegħu biex tara l-irwol tax-xogħol u jekk dan ix-xogħol sarx. Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-mejda li l-inizzjattivi li ħadem fuqhom kienu tajbin;  mar ġo skejjel jgħallem lil tfal, organizza clean ups, ħadem biex jgħallem il-prinċipji tat-3R's -'reduce, reuse, recycle', fost affarijiet oħra.

John Buttigieg u Trevor Fenech qablu li d-diskussjoni hija ħabba l-eta u mhux fuq il-performance. Il-membri qablu li m'għandhomx oġġezzjoni li jibqa jservi.  Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lis-Sur Emil Vassallo u jinfurmah bit-talba tar-Reġjun, li s-Sur Baderinwa jibqa jservi fil-pożizzjoni tiegħu r-Reġjun.

Kera tal-Post – Minħabba li l-kirja ser tagħlaq fl-aħħar ta' Jannar 2025, is-Segretarju Eżekuttiv talab lis-sid tal-post, is-Sur Gauci, jekk hux lest li jħalli lir-Reġjun ikompli bil-kirja tiegħu.  Is-Sur Gauci ta proposta ta' reviżjoni tal-kera għall-għaxar snin li jmiss, u jinżammu l-istess kundizzjonijiet li hemm preżenti fil-kuntratt.  Huwa talab li għall-ewwel ħames snin il-kera titla għal 22 elf Ewro, u għat-tieni ħames snin titla għal 27 elf ewro.  Il-President qal li l-proposta hija aċċettabbli bid-dawl tal-kirjiet mitluba llum il-ġurnata.

Il-membri qablu biex jilqgħu t-talba ta' reviżjoni tal-kera diment li jkun hemm klawżola biex ir-Reġjun ikun jista jinħall minn dan il-kuntratt kemm-il darba l-uffiċini ta' San Pawl il-Baħar ikunu lesti. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li din il-klawżola diġa qiegħdha fil-kuntratt. Il-President Clifford Galea propona li r-Reġjun jaċċetta dawn it-termini tal-kera. Kyle Mifsud issekonda l-mozzjoni. Kulħadd qabel unanimament.

## 6.1 Rapporti

**7.1 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;**



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Trasport Choir Festival - Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-kont tat-Trasport tal-festival tal-korijiet. Il-budget għal dan il-festival kien ta' 10 elef Ewro, iżda b'kollox kien tela' għal 14-il elf Ewro, bil-maġġoranza tal-kont huwa relatat mat-trasport.

John Buttigieg staqsa jekk huwiex trasport fir-Reġjun. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li huwa kollu trasport fir-Reġjun.
Trevor Fenech staqsa għalfejn mill-ajruport għal-lukandi użaw tant trasport u mill-lukandi għall-ajruport użaw tant (total ta' 31 kowċ). Is-Segretarju Eżekutiv qal li fejn setgħu tellgħu żewġ gruppi flimkien fl-istess kowċ, u minħabba f'hekk kien hemm diskrepanza fl-ammont ta' vjaġġi. Il-President u  l-membri talbu li jitressqu l-minuti ta' fejn dan il-proġett kien diskuss fil-laqgħa li jmiss.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-kamra li ser jirreżenja mill-irwol ta' Segretarju Eżekuttiv, madankollu huwa stqarr li jixtieq ilesti l-kotba tal-Audit sal-aħħar tax-xahar.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Skeda 173 kienet ippreżentata. Kyle Mifsud ippropona li tkun approvata. Trevor Fenech issekonda l-mozzjoni.  Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis, 11 ta' April 2024, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| IFFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _____________________________ | _____________________________ |
| Clifford Galea Vella | Kristina Camilleri |
| President | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum, il-Ħamis 25 ta' April 2024.


Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt